**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Frar, 2017

Rikors Kongunt Nru : 558/16AL

AB
U
CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

Illi l-partijiet iżżewġu fis-17 t'April, 2006 skont certifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok. A u minn dan iż-żwieġ huma ma kellhomx tfal;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgha (2009) (Ara Dok. B anness).

Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum

għandhom ħajja totalment separata minn xulxin u saħansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni oħra.

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

1. Tippronunzja l-ħall taz-zwieġ bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi zmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Jannar, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mid-29 ta' Ottubru 2009;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur

tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.